**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 422/97

Emanuel Galea

vs

Water Services Corporation.

Illum 20 ta' Frar, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju,1987 u l-15 ta' Mejju, 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn in-1987 u n-1995 huwa sofra ingustizzja f'li qalgha diversi transfers vendikattivi.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

Illi hu beda jahdem mal-Public Works bhala Electrician fin-1981 wara li spicca minn mas-Servizzi Inglizi, izda mill-ewwel poggewh l-Pumping station tal-Hlas hal-Qormi bhal Engine

Driver. Hawnhekk dam jahdem 12-il sena u kien jahdem bix-xift u jaghmel hafna overtime. Kif telghu n-Nazzjonalisti fil-Gvern fit-12 ta' Gunju 1990 qala' transfer ghal mar-Reverse Osmosis Pembroke fejn tilef ix-shift u anke l-overtime. Fit-3 ta' Dicembru 1990 qala' transfer iehor din id-darba ghal EMWD ta' Qali fejn l-ewwel tefghuh bhala Security mal-Gate u mbaghad poggewh in charge mill-istores avolja dawn it-tnejn ma kienux il-linja tieghu. Hawnhekk kien isir hafna overtime specjalment is-Sibt u l-Hadd u kien ikollhom bzonn jifthu l-istore izda lilu qatt ma kienu jdahhluh overtime. Hu gibed l-attenzjoni tal-Foreman li peress li kien responsabbli ghal-istores ma kienx sew li nies jidhlu jiehdu l-affarijiet waqt l-overtime u hu ma jkunx prezenti. Dan xorta ma tax kaz tieghu u ma ghajjatlux ghall-overtime. Meta wara 12-il sena nehhewh mix-shift u qatghuh l-overtime hu u l-familja kollha baghtew finanzjarjament ghax il-paga tieghu naqsitlu drastikament Lm30 fix-xahar.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata kumpens xieraq tax-xift allowance u l-overtime li tilef, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm5000 jew kif tiddeciedi li hu xieraq il-Qorti.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Water Services Corporation li eccepiet:

1. Illi kwalunkwe trasferiment minn post tax-xoghol ghal iehor li r-rikorrent garrab sar skond l-esigenzi tas-servizz tad-Dipartiment tax-Xogholijiet ta' l-Ilma u sussegwentement skond l-esigenzi tal-Korporazzjoni esponenenti;

2. Illi, ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu;

Ra l-lista tax-xhieda tas-socjeta` intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrentipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti esposti fir-rikors. Semma li meta fl-1990 qala' transfer mill-pumping station ta' Wied is-Sewda ghall-impjant tar-Reverse Osmosis ta'

Pembroke dan l-impjant kien ghadu ma jiffunzjonax anzi kienu ghadhom qieghdin ihaffru l-bore holes u jaghmlu testijiet. Ix-xoghol li kien nghata hemmhekk ma kienx xoghol kompattibli mal-grad ossija t-trade tieghu ta' electrician izda kien xoghol ta' labourer. Fil-fatt ix-xoghol li kien nghata jaghmel kien li jqandel il-kanen u pajpijiet u jghin lill-fitter biex idahhal dawn il-kanen gewwa l-bore holes. Spjega illi fil-pumping station kienu jahdmu sistema ta' four shift li allura kien ifisser illi regolarment kien ikun imissu jahdem is-Sibt, Hdud u festi Pubblici u ta' dawn il-jiem kien jithallas ta' l-overtime. Sostna li t-transfer li nghata kien wiehed vendikattiv minhabba fil-kulur politiku tieghu ghax hu tesserat bhala membru tal-Malta Labour Party. Zied li t-transfer kien vendikattiv ukoll ghar-raguni illi meta nqala' mill-pumping station minfloku mar bniedem iehor jaghmel ezattament l-istess xoghol li kien jaghmel hu. Semma li dak li kien mar minfloku huwa minn Had-Dingli u partitarju Nazzjonalista. Wara qala' zewg transfers ohra fejn gie trasferit ghal Ta' Qali bhala security guard mal-gate li ma kienx xogholu u mbaghad transfer iehor ghall-istore ta' Ta' Qali fejn ix-xoghol li nghata kien bhala store keeper li wkoll ma kienx kompatibbli mal-grad tieghu.

Ir-rikorrent xehed li dam jahdem 23 sena mas-servizzi Inglizi u meta spicca minn mal-Inglizi kienu tawh certifikat bhala electrician. Dan kien hareg mill-Ministry of Public Buildings and Works liema certifikat fittxu izda ma sabux. Licenzja tal-Enemalta bhala electrician jiena ma kellux. Meta kienu bdew jahdmu mal-Gvern kienu ghamlulu trade test fuq l-elettriku u kienu ghaddewh.

Gie prezentat affidavit ta' John Camilleri li semma li hu impjegat mal-Water Services Corporation u kellu l-grad ta' fitter fiz-zmien illi Emanuel Galea kien gie trasferit ghall-impjant tar-reverse osmosis ta' Pembroke. Hu kien jahdem fl-istess impjant u kkonferma li l-impjant kien ghadu ma jiffunzjonax. Semma li meta Galea gie trasferit ghal maghhom f' Pembroke huwa tpogga mal-guy tal-fitters u mhux mal-electricians minkejja li huwa kellu t-trade ta' electrician. Semma li wara Galea qala' transfer ghal Ta' Qali.

Gie prezentat affidavit ta' Carol Camilleri li hu impjegat tal-Water Services Corporation u kellu l-grad ta' fitter fiz-zmien li Emanuel Galea kien gie trasferit ghall-impjant tar-reverse osmosis ta' Pembroke. Kien jahdem fl-istess impjant li ma kienx jiffunzjona u semma li Galea tpogga mal-guy tal-fitters u mhux mal-electricians. Ikkonferma li Galea dejjem kien jaghmel xogholu sewwa u qatt ma kien hemm ilmenti fuqu.

Ir-rikorrent esebixxa identification card li minnha jirrizulta li hu dezinjat bhala electrician kif ukoll tliet P3' s li minnhom huwa mnizzel bhala electrician.

Xehed Tony Bonello li ilu impjegat mal-Water Services Corporation u qabel il-Water Works Department ghal dawn l-ahhar 34 sena. Il-kariga tieghu llum il-gurnata hija ta` Senior Administrator fil-Legal Department tal-Water Services Corporation. Semma li dak li jaf dwar il-kaz huwa mill-files u mhux personalment. Ir-rikorrent gie ngaggjat mal-Water Works

Department fit-13 ta' Awissu 1979 u fis-27 ta` Lulju 1981 kien lahaq Group D bhala electrician. Ma sab xejn dwar transfers ghalkemm jekk ikun hemm transfers suppost jigu registrati.

Mill-ittra tal-appointment esebita a fol 42 tal-process jirrizulta li r-rikrorent gie mlahhaq bhala Electrician (Domestic Installation) Group D.

Fortunato Abela li jahdem mal-Water Services Corporation fil-kariga ta' Principal Foreman u kien hemm zmien li kien foreman Ta' Qali jiftakar li kien mar l-inginier Joe Curmi li kien qallu dwar ir-rikorrent "isma dan hu hsiebu ghax kien ma jiflahx u ma jistax ikun li naghtuh xoghol iebes." Semma li x-xoghol taghhom huwa mechanical u Joe Curmi kien qallu li dan huwa electrician u li ghalhekk ma setghax jallokalu xoghol specifiku.

Effettivament kien poggieh f'dak li kienu jghidulu store. Qabel ma poggewh hemmhekk kien fil-gate u cioe` kien xi tliet mitt metru l-boghod. Fil-fatt kien gie trasferit mill-gate ghal maghhom minhabba l-fatt li hu kien kellem lill-inginier Joe Curmi, kien qallu li l-kamra kien fiha hafna shana ghax kienet fix-xemx u talbu biex jittrasferih u ghalhekk fil-fatt kien gabu hemmhekk.

Dwar overtime semma li la hu u anqas min kien jiehu hsieb l-istore qatt ma ghamlu overtime. Meta kien mieghu kien jitlobu li jaghtih overtime u xi haga zghira tah overtime, pero` l-problema hi li lilu kien jitlobu li jaghmel xoghol li ma jbatix u kien difficli ssiblu. Zied li r-rikorrent kien electirician u hu stess kien jghid li ma

kellux kwalifiki. Hu kien jghid li x-xoghol tieghu huwa electrical pero` l-elettriku li kellhom kien tat-three phase jigifieri irid ikollok il-License B ghax ma kienx xoghol domestic, u allura zgur li ma setghax iqabbdu jaghmillu xejn elettriku.

Maurice Mizzi Officer in charge mill-Personnel mal-Water Services Corporation xehed li r-rikorrent kien dahal l-ewwel mal-Public Works, il-Ministry of Works and Sports li kien jinkludi l-Public Works u l-Water Works u hu kien dahal fl-1979 bhala labourer u fl-1981 sar electrician (domestic installation) ghax hu ma kellux il-licenzja, u dejjem baqa' f' din il-kariga. Meta saret il-Water Services Corporation kompla maghna. Fl-1981 hu kien qieghed fil-Pumping station Wied is-Sewda, biex jixghel u jitfi l-pompi. Hu ntbaghat Pembroke bhala electrician. Xoghol ghalih hemmhekk propjament ma kienx hemm ghax hu electrician biss domestic u hemmhekk huwa impjant kbir. Imbaghad hareg bis-sick leave u wara ntbaghat Ta' Qali vicin id-dar ghax hu mir-Rabat. Hu kien talab biex joqghod mal-gate u mbaghad billi l-gate kienet fix-xemx hafna kien talab biex jidhol fl-istore. Hu kien talab lil Joe Curmi. Hu dahal jghid lill-officer in charge li huwa Joe Borg biex jghin fl-istores. L-inginier Robert Schembri kien il-persuna in charge minn Pembroke. Pembroke kienu ntbaghatu hafna nies ghax kien qed jinbena l-impjant allura kien hemm bzonn tax-xoghol. Hu ntbaghat Pembroke fl-1990.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li qabel l-1990 ir-rikorrent kien jahdem f'Wied is-Sewda bhala Electrician. Propjament hu ma kellux

licenzja ta' Electrician, izda jidher li kien jahdem ta' hekk ma' l-Inglizi u baqa' meqjus hekk tant li gie deskritt diversi drabi fuq dokumenti u minn-nies bhala Electrician pero' tad-domestic u mhux li jahdem xoghol kumplikat. Fejn kien kellu allowances ta' xi tletin lira fix-xahar. Gie trasferit ghal Pembroke izda hemm ma kienx hemm xoghol riferibbli ghall-kategorija tieghu u spicca jaghmel xoghol iehor sakemm gie trasferit ghal Ta' Qali l-ewwel mal-Gate u wara mall-istore. Il-veru ilment tar-rikorrent jirreferi ghall-fatt li gie trasferit u kawza ta' hekk tilef LM30 fix-xahar.

L-eccezzjoni li taghat il-Korporazzjoni intimata hija li hekk kienu jirrekjedu l-esigenzi tas-servizz. Fil-kawza fl-ismijiet "Silvio Demanuele vs Tabib Principali tal-Gvern" deciza minn dan it-Tribunal fid-29 ta' April, 1998, intqal:

"L-esigenzi tas-servizz mhix xi haga li kapriccosament tista' tuza' bhala pretest biex taghmel li trid u tittraskura d-drittijiet tal-haddiema. Jekk verament ikun hemm esigenzi tas-servizz dan jintitola lill-Gvern mal-principju tal-mobilita' tas-servizz li jsir it-trasferiment; izda dawn l-esigenzi iridu jigu ippruvati u mhux semplicement allegati." [ara wkoll George Cutajar vs Direttur tal-Agrikoltura 6/4/98].

Fil-kawza "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 it-Tribunal qal:

"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghataw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

Ma jidhirx li fil-kaz in esami rrizultaw verament dawn l-esigenzi tas-servizz. Ghalhekk it-Tribunal jichad l-eccezzjoni tas-socjeta' intimata. Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elf lira [LM1000].

Spejjez kontra l-Korporazzjoni intimata.